MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 1985/2004/1

**Colour Chart Limited u b’ digriet tat-Tribunal tas-16 ta’ Frar, 2005 giet ordnata korrezzjoni fl-okkju fis-sens li tizdied il-kelma “Co.” ma’ l-isem tal-kumpanija wara l-kelma “Chart”**

**vs**

**Harbour Management Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Settembru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas ta’ elf u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,079.93c) rapprezentanti servizzi rezi lis-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta qalet illi t-talba ghandha tigi michuda kontra s-socjeta' attrici u dan stante li hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili Kap. 16 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Damian Borg li huwa direttur tas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-istess socjeta' attrici kienet ghamlet xi xoghol ta' reklamar, stampar u *graphic designing* lis-socjeta' konvenuta. Jghid illi s-socjeta' konvenuta kienet ghamlet biss tlett pagamenti u ghadhom sal-lum il-gurnata ma hallsux il-bilanc ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,079.93c).

Borg jghid illi ma pprezenta l-ebda Ittra Ufficjali ghaliex hu kien icempel l-Accounts Department tas-socjeta' konvenuta sabiex jghidilhom ihallsu. Jghid ukoll illi l-partijiet kienu jahdmu fuq *friendly basis* u kien ghalhekk li dam ma fetah il-kawza.

Jikkonferma li Tony Farrugia kien jaqbel li l-flus kienu dovuti sakemm gurnata minnhom qallu ghamel dak li ghandek taghmel.

Ra x-xhieda ta' Tony Farrugia li huwa direttur tas-socjeta' konvenuta fejn jikkonferma li l-istess socjeta' konvenuta kienet ghaddiet il-materjal lis-socjeta' attrici sabiex taghmel ir-reklamar.

Jikkonferma li rapprezentant tas-socjeta' attrici kien icempillu sabiex jithallas izda Farrugia jghid li qatt m'ammetta li l-ammonti huma dovuti.
Farrugia jghid li kien hemm problema bi *brochure* li ma kienx *up to standard*.

Jikkonferma li kien ircieva l-Ittra ta' l-avukat tas-socjeta' attrici izda qatt ma rrispondiha. Jikkonferma wkoll illi qatt ma kien kiteb xi lmenti li l-*brochure* ma kienx tajjeb.

Ra x-xhieda ta’ Pierre Balzan li huwa direttur tas-socjeta’ konvenuta fejn jikkonferma li s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx l-ammont mitlub f’din il-kawza minhabba li x-xoghol li sar mis-socjeta’ attrici kien hazin. Jghid illi kien ilmenta dwar dan mas-socjeta’ attrici.

Jikkonferma wkoll illi qatt ma qal li s-socjeta’ konvenuta ser thallas l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici.

Ikkunsidra

Illi l-uniku eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta hi li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 2148 (a) jiddisponi li l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni b’gheluq it-tmintax-il xahar:

“L-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta’ l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.”

Illi fil-kawza **Stivala Vs Cassar - PA 20/01/2004** gie ddikjarat li l-Artikolu 2148 (a) jolqot biss l-azzjonijiet ta’ dawk li jahdmu sengha jew arti mekkanika, u mhux ta’ dawk li huma kuntratturi organizzati f’azjenda.

Illi fil-kawza **Camilleri Vs Schembri - Qorti ta’ l-Appell Civili (Inferjuri) Tribunal Ghal Talbiet Zghar PS 16/12/2002** gie ddikjarat li l-Artikolu 2148 (a) ma jikkolpix kaz fejn il-parti jkun “mhux biss fornixxa l-materjal izda wkoll l-opra tieghu”. Illi f’dan il-kaz is-socjeta’ attrici kienet taghmel ir-reklamar, il-*graphic design* u l-istampar ukoll. Inoltre l-verzjoni ta’ Damian Borg li qal li kien icempel lid-diretturi tas-socjeta’ konvenuta u huma kienu jghidulu li kienu qieghdin jippreparaw biex ihallsuh hija kredibbli. Tant hu hekk li ghalkemm id-diretturi tas-socjeta’ konvenuta jghidu li kien hemm xi lmenti huma qatt ma hadu passi dwar dawn l-ilmenti dwar ix-xoghol tas-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta ordnat ir-*reprints*.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf u disgha u sebghin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm1,079.93c) bl-imghax mit-8 ta' Jannar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta appellat kontra din is-sentenza u talbet it-thassir taghha. Hi tikkontendi li l-preskrizzjoni eccepita minnha a norma ta' l-Artikolu 2148 (a), Kodici Civili kellha tigi akkolta in kwantu:-

(a) si tratta ta' kreditu minn artefici li ppresta l-opra tieghu;
(b) is-socjeta` attrici ma pprovatx li kien hemm dik l-interruzzjoni taz-zmien preskrittiv fit-termini ta' l-Artikolu 2133, Kodici Civili;

Ri-ezaminati l-atti processwali din il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni tkkonkludi illi l-appell interpost mis-socjeta` appellanti hu destinat li jfalli fuq iz-zewg binarji lilha sottomessi. Jigifieri:

(1) ix-xorta tal-preskrizzjoni eccepita u l-inapplikabilita` taghha ghall-meritu;
(2) ir-rikonoxximent mis-socjeta` appellanti tal-kreditu reklamat;

Kwantu ghall-ewwel punt il-materja hawn konsiderata, trattasi minn talba ghall-hlas bilancjali ta' servizzi ta' reklamar rezi, gja giet drabi ohra dibattuta u deciza mill-Qrati. Hekk gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjalment komposta illi "is-servizz rez mis-socjeta` attrici (dak ta' reklamar) ma jistax jinghad li jikkostitwixxi 'sengha' jew 'arti mekkanika'", ghal liema jirreferi l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16. Ara "**John R. Portelli *nomine* -vs- Wallace Fino *et nomine***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997. Din il-Qorti,

kif presjeduta, tikkonkorda ma' din l-affermazzjoni in kwantu d-dispost ta' l-Artikolu 2148 (a) kjarament jikkontempla attivita` ta' produzzjoni ta' beni fejn hi prevalenti l-hidma personali u professjonali ta' l-arteggjani specifici singolati u dawk l-artefici l-ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika. Ara **Kollez. Vol. XXVII P I p 1013**. Dan jidher li jeskludi minn din in-normattiva l-attivita` tal-prestazzjonijiet jew servizzi kummercjali bhal ma hu dak ta' reklamar;

Stabbilita din il-konkluzjoni dwar l-inammissibilita` tal-preskrizzjoni eccepita, jekk trid il-Qorti tista' tieqaf hawn billi ebda eccezzjoni ohra ma jirrizulta li giet sollevata mis-socjeta` appellanti kontra l-pretiza tas-socjeta` appellata ghall-hlas. Gjaladarba pero` gie intavolat aggravju fuq il-punt tar-rikonoxximent prevvist mill-Artikolu 2133 tal-Kapitolu 16 jinhass li jkun xieraq li jsiru xi kummenti fir-rigward;

Jibda biex jigi osservat illi r-rikonoxximent ghal liema jirreferi l-precitat artikolu kapaci jestrinsika ruhu mhux biss minn xi dikjarazzjoni esplicita` imma wkoll minn kwalsiasi fatt li jimplika necessarjament l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-debitu. Hi infatti gurisprudenza konkordi li r-rikonoxximent jista' jkun tant espress kemm tacitu konsistenti f' certu atteggjament jew imgieba inkompatibbli mal-volonta` li wiehed jiddiskonoxxi l-pretiza tal-kreditu. (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 686; Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, 16 ta' Novembru 1980, Numru 5973**);

Ferma din l-osservazzjoni, l-indagini zvolta biex jigi determinat jekk certa dikjarazjoni jew imgieba tikkostitwix rikonoxximent tirrientra fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jkun qed jitratta u jiddeciedi l-meritu. Ghaldaqstant fejn jirrizulta li l-accertament relattiv hu ezenti minn vizzji logici jew zbalji ta' dritt dik l-istess diskrezzjoni ma tistax tigi sostitwita minn din il-Qorti;

Minn dak rinvenut fir-rizultanzi istruttorji din il-Qorti tista' tghid li hi sodisfatta mill-ezercizzju maghmul mit-Tribunal u l-motivazzjonijiet minnu dedotti fis-sentenza appellata. Effettivament, mix-xhieda ta' Tony Farrugia (fol. 24) u ta' Pierre Balzan (fol. 28) diretturi tas-socjeta` appellanti jidher evidenti li l-kontenzjoni taghhom ma huwiex dak li l-kreditu mhux dovut imma li dan mhux hekk dovut ghax ix-xoghol sar hazin jew mhux kif suppost. Allegazzjoni din li huma, imbaghad, ma ssostanzjaw b' ebda mod lanqas permezz ta' prova li huma debitament, kif hekk kien ragonevolment mistenni, hadu l-passi opportuni biex gudizzjalment il-lanjanza taghhom tkun sostenuta. Jinsab ritenut fid-decizjoni a **Vol. XXIV P I p 677**, "*se il debitore avesse confessato anche indirettamente di non aver pagato il debito, che risultasse veramente dovuto, non puo opporre la prescrizione*".

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bl-ispejjez ukoll ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------